MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-18 ta' Gunju, 2010

Appell Kriminali Numru. 430/2009

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Emmanuel Degiorgio**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli ghax-xahar ta’ April, 2009, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b’kuntratt naqas li jaghti lil martu Filippa Degiorgio u/jew lil bintu s-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bhala manteniment ghaliha w/jew ghall-ulied fi zmien 15 il-jum minn dak il-jum li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha tithallas dik is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tas-16 ta’ Novembru, 2009, li biha, wara li rat l-artikolu 338(z) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet

ta' Malta, sabet lill-appellant hati w ghaldaqstant ikkundannatu gimgha detenzjoni.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fil-25 ta' Novembru, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi thassaraha w tirrevoka w b'hekk tillibera lill-appellant minn l-akkuza dedotta kontra tieghu w fin-nuqqas li tinfliggi piena anqas harxa w idonea fic-cirkostanzi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant jikkonsisti fis-segwenti w cioe':-

1. Illi l-akkuzi ma gewx ippruvati bhala li l-appellant naqas milli jhallas manteniment lill-martu u dana peress li hija qed tiehu s-sehem tieghu minn introjtu ta' kera ta' tlitt postijiet li qed jinkrew u li huma propjeta' tal-komunjoni tal-akkwisti. Illi l-appellant qed jaghzel li ma jiehux sehemu u dana sabiex ikun hemm tpacija mal-hlas ta' manteniment dovut lill-martu. Illi ghalhekk effettivament il-manteniment qed jithallas u l-akkuzi ma kellhiex tigi ppruvata;

2. Illi dwar il-piena li tinfliggi detenzjoni fuq persuna li taf li sincerament ma' tistax thallas il-manteniment u meta taf li minn qed jirraporta qed jaghmel hekk mhux ghaliex ghandu bzonn il-flus izda biex litteralment jara lil zewgu sejjer il-habs, allura l-appellant ma jistax ma jissottomettix li l-piena kienet wahda harxa zzejjed. Illi jekk f'pessima ipotesi l-ewwel aggravju ma jigix milqugh, certament li ghandu jkun hemm mitigazzjoni fil-piena nflitta.

Ikkunsidrat :

Permezz tal-verbal tat-23 t'April, 2010 l-appellant irtira l-aggravju dwar il-fatti w zamm ferm dak dwar il-piena.

Fl-istadju tal-appell l-appellant hallas €95 li gie accettat mill-parti civili li jkopri x-xahar ta' April 2009. B'dan il-hlas effettivament gie ezawriet il-meritu, pero' l-Qorti ma

jidhirlix illi ghandha tieqaf hawn, peress illi mhux sew li l-parti civili kellha tghaddi minn dan il-madmad ta’ proceduri legali pprezentati l-ewwel darba fl-14 ta’ Lulju 2009 biex tithallas dak il-manteniment illi bi dritt kienet intitolata ghalih.  Jekk l-appellant qed juza dawn il-proceduri bhala mezz ta’ luzingar biex ma jhallas dak illi huwa dovut li jhallas, allura mhux sew illi din il-Qorti tkun partecipi mieghu ghax sempliciment deherlu illi fil-mori ta’ dawn il-proceduri ihallas l-ammont dovut lill-parti civili.

Irrizulta illi l-appellant huwa “habitual offender” u ta’ spiss, b’mod regolari jonqos mill-obbligazzjonijiet tieghu tal-manteniment versu martu w uliedu.

Fatt illi l-Ewwel Qorti deherilha illi kellha tirrimarka fl-ghoti tal-piena illi hija wahda fil-parametri tal-Ligi.

Ikkunsidrat :

L-appellant irid jirrealizza illi l-obbligu tal-manteniment huwa obbligu kontemplat fl-Artikolu 338(z) tal-Kodici Kriminali w wiehed istantanju u mhux permanenti.  Dan ifisser illi hekk kif jghaddi x-xahar u ma jkunx ottempora ruhu mall-Ligi fi zmien hmistax il-gurnata allura jkun morus u jiskatta l-vot tal-Ligi.

L-appellant argumenta illi l-parti civili ghandha introjtu ghaliha w di piu’ qeghda zzomm flejjes illi suppost jghaddu lilu.

Il-Qorti jidrilha illi jekk dana huwa hekk, m’ghandux jaghmel differenza ghall-konsiderazzjonijiet tal-Qorti.

Il-presuppost guridiku tal-kontravenzjoni kontemplata fl-Artikolu fuq imsemmi hu l-ordni tal-hlas tal-manteniment. Jekk il-persuna favur min harget dik l-ordni ghandhix introjtu iehor jew tahdimx hu rrilevanti.  Bhal ma hu rrilevanti wkoll il-fatt li l-imputat appella minn dik is-sentenza li ordnat tali hlas ta’ manteniment (Il-Pulizija vs Joseph Galea – App. Krim. 03-11-1995).

L-unika koncessjoni illi ghandu l-appellant huwa illi ottempora ruhu mall-Ligi fi zmien hmistax il-gurnata li fih ghandu jsir il-pagament u fin-nuqqas ta’ pagament f’dak it-terminu wiehed jinkorri fi ksur tal-Ligi penali (Il-Pulizija vs Lawrence Cilia – App. Krim. 10-03-1995).

L-appellant irid jirrealizza illi ma jistax jibqa’ fi ksur tal-Ligi penali b’mod kontinwu u regolari minghajr ma jinkorri xi piena severa mill-Ligi.

Din il-Qorti taqbel mall-konkluzjoni illi waslet ghaliha l-Ewwel Qorti, liema konkluzjoni hija bbazata fuq ragunamenti legali u attendibbli fl-isfond tal-provi illi l-Ewwel Qorti kellha quddiemha.

Ghalhekk ghal dak illi jirrigwarda l-piena din il-Qorti mhihiex sejra tiddisturba l-apprezzament ta’ l-Ewwel Qorti.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta’ w tiddeciedi li tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------